



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Strasburgu, 17 ta' Ġunju 2025
(OR. en)**

**2024/0027(COD)
LEX 2445**

**PE-CONS 9/1/25
REV 1**

**AGRILEG 54
SEMENCES 9
CODEC 414**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
LI TEMENDA D-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2003/17/KE
FIR-RIGWARD TAL-EKWIVALENZA TAL-ISPEZZJONIJIET FUQ IL-POST
IMWETTQA FIR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA
FUQ L-GĦELEJJEL TAL-PJANTI TAL-GĦALF LI JIPPRODUĊU Ż-ŻERRIEGĦA
U DWAR L-EKWIVALENZA TAŻ-ŻERRIEGĦA TAL-PJANTI TAL-GĦALF
PRODOTTA FIR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA,
U FIR-RIGWARD TAL-EKWIVALENZA TAL-ISPEZZJONIJIET FUQ IL-POST
IMWETTQA FL-UKRAJNA
FUQ L-GĦELEJJEL TAL-PITRAVI LI JIPPRODUĊU Ż-ŻERRIEGĦA
U FUQ L-GĦELEJJEL TAL-PJANTI TAŻ-ŻEJT LI JIPPRODUĊU Ż-ŻERRIEGĦA
U DWAR L-EKWIVALENZA TAŻ-ŻERRIEGĦA TAL-PITRAVI
U TAŻ-ŻERRIEGĦA TAL-PJANTI TAŻ-ŻEJT PRODOTTA FL-UKRAJNA**

DEĊIŻJONI (UE) 2025/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Ġunju 2025

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fir-Repubblika tal-Moldova fuq l-għelejjel tal-pjanti tal-għalf li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa tal-pjanti tal-għalf prodotta fir-Repubblika tal-Moldova, u fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fl-Ukrajna fuq l-għelejjel tal-pitravi li jipproduċu ż-żerriegħa u fuq l-għelejjel tal-pjanti taż-żejt li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa tal-pitravi u taż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt prodotta fl-Ukrajna

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ ĠU C, C/2024/3386, 31.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/3386/oj>.

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2025 (għadha mhijiex ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2025.

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE³ tipprevedi li, f'ċerti kundizzjonijiet, l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fuq ċerti għelejjel li jipproduċu ż-żerriegħa fil-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni għandhom jitqiesu ekwivalenti għall-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u li, f'ċerti kundizzjonijiet, iż-żerriegħa ta' ċerti speċijiet prodotta f'dawk il-pajjiżi terzi għandha titqies ekwivalenti għaż-żerriegħa li tikkonforma mal-liġi tal-Unjoni.
- (2) Fl-2022, ir-Repubblika tal-Moldova ressqet talba lill-Kummissjoni għall-ġoti tal-ekwivalenza għas-sistema tagħha tal-ispezzjonijiet fuq il-post tal-għelejjel tal-pjanti tal-ġhalf li jipproduċu ż-żerriegħa u għaż-żerriegħa tal-pjanti tal-ġhalf prodotta u ċċertifikata fir-Repubblika tal-Moldova.
- (3) Il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjoni rilevanti tar-Repubblika tal-Moldova. Fl-2016, wettqet ukoll awditu tas-sistema ta' kontrolli uffiċjali u taċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa taċ-ċereali, tal-ħxejjex, tal-pjanti taż-żejt u tal-pjanti tal-fibra fir-Repubblika tal-Moldova u ppubblikat is-sejbiet tagħha f'rapport. Wara li rċeviet dokumentazzjoni addizzjonali mir-Repubblika tal-Moldova, il-Kummissjoni qieset li r-rakkomandazzjonijiet kollha li saru fir-rapport tal-awditjar kienu ġew indirizzati b'mod sodisfaċenti. Abbażi tal-awditu u tad-dokumentazzjoni addizzjonali, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-implimentazzjoni taċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa fir-Repubblika tal-Moldova huma kompetenti, għandhom faċilitajiet adegwati stabbiliti u joperaw kif xieraq. Dawk l-awtoritajiet huma responsabbli wkoll għall-ispezzjonijiet fuq il-post tal-għelejjel tal-pjanti tal-ġhalf li jipproduċu ż-żerriegħa u għaċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa tal-pjanti tal-ġhalf.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa prodotta fil-pajjiżi terzi (ĠU L 8, 14.1.2003, p. 10, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2003/17\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2003/17(1)/oj)).

- (4) Abbażi tal-eżami tal-leġislazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova u tal-awditu, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ispezzjonijiet fuq il-post tal-għelejjel tal-pjanti tal-ġhalf li jipproduċu ż-żerriegħa u t-teħid tal-kampjuni, l-ittestjar u l-kontroll uffiċjali ta' wara taż-żerriegħa tal-pjanti tal-ġhalf fir-Repubblika tal-Moldova jitwettqu kif xieraq u jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/17/KE u fid-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE⁴.
- (5) Fl-2022, l-Ukrajna ressqet talba lill-Kummissjoni għall-ġhoti tal-ekwivalenza għas-sistema tagħha tal-ispezzjonijiet fuq il-post tal-għelejjel tal-pitravi (*Beta vulgaris*), tal-ġirasol (*Helianthus annuus*) u tal-lift (*Brassica napus*) li jipproduċu ż-żerriegħa u għaż-żerriegħa tal-pitravi, tal-ġirasol u tal-lift prodotta u ċċertifikata fl-Ukrajna.
- (6) Fl-2023, l-Ukrajna ressqet talba lill-Kummissjoni għall-ġhoti tal-ekwivalenza għas-sistema tagħha tal-ispezzjonijiet fuq il-post tal-għelejjel tal-fażola tas-sojja li jipproduċu ż-żerriegħa (*Glycine max*), u għaż-żerriegħa tal-fażola tas-sojja prodotta u ċċertifikata fl-Ukrajna

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-ġhalf (ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1966/401/oj>).

- (7) Il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Ukrajna. Fl-2015, wettqet ukoll awditu tas-sistema ta' kontrolli uffiċjali u taċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa taċ-ċereali fl-Ukrajna u ppubblikat is-sejbiet tagħha f'rapport. Wara li rċeviet dokumentazzjoni addizzjonali mill-Ukrajna, il-Kummissjoni qieset li r-rakkomandazzjonijiet kollha li saru fir-rapport tal-awditjar kienu ġew indirizzati b'mod sodisfaċenti. Abbażi tal-awditu u tad-dokumentazzjoni addizzjonali, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-implimentazzjoni taċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa fl-Ukrajna huma kompetenti, għandhom faċilitajiet adegwati fis-seħħ u joperaw kif xieraq. Dawk l-awtoritajiet huma responsabbli wkoll għall-ispezzjonijiet fuq il-post tal-għelejjel tal-pitravi, tal-ġirasol, tal-lift u tal-fażola tas-sojja li jipproduċu ż-żerriegħa, u għaċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa tal-pitravi, tal-ġirasol, tal-lift u tal-fażola tas-sojja.
- (8) Abbażi tal-eżami tal-leġiżlazzjoni tal-Ukrajna u tal-awditu, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ispezzjonijiet fuq il-post tal-għelejjel tal-pitravi, tal-ġirasol, tal-lift u tal-fażola tas-sojja li jipproduċu ż-żerriegħa u t-teħid ta' kampjuni, l-ittestjar u l-kontrolli uffiċjali ta' wara taż-żerriegħa tal-pitravi, tal-ġirasol, tal-lift u tal-fażola tas-sojja fl-Ukrajna jitwettqu kif xieraq u jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/17/KE u fid-Direttivi tal-Kunsill 2002/54/KE⁵ u 2002/57/KE⁶.
- (9) Ir-Repubblika tal-Moldova ġiet amMESSA, fir-rigward tal-pjanti tal-ġhalf, fl-Iskemi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi għaċ-Ċertifikazzjoni tal-Varjetali jew għall-Kontroll taż-Żerriegħa li jimxu fil-Kummerċ Internazzjonali ('Skemi taż-Żrieragħ tal-OECD').

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq ta' żerriegħa tal-pitravi (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2002/54/oj>).

⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2002/57/oj>).

- (10) L-Ukrajna ġiet ammessa, fir-rigward tal-pitravi, tal-ġirasol, tal-lift u tal-fażola tas-sojja, fl-Iskemi taż-Żrieragħ tal-OECD.
- (11) Ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna għandhom laboratorji taż-żerriegħa akkreditati mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Ittestjar taż-Żrieragħ. Dak il-fatt jipprovdi assigurazzjoni addizzjonali fir-rigward tal-kwalità tal-ispezzjonijiet u taż-żerriegħa prodotta f'dawk il-pajjiżi u l-konformità tagħhom mal-liġi tal-Unjoni.
- (12) Għalhekk, jixraq li tingħata l-ekwivalenza fir-rigward tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fir-rigward tal-għelejjel tal-pjanti tal-ġhalf li jipproduċu ż-żerriegħa fir-Repubblika tal-Moldova, u fir-rigward taż-żerriegħa tal-pjanti tal-ġhalf prodotta fir-Repubblika tal-Moldova u ċċertifikata uffiċjalment mill-awtoritajiet tagħha.
- (13) Jixraq ukoll li tingħata l-ekwivalenza fir-rigward tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fir-rigward tal-għelejjel li jipproduċu ż-żerriegħa tal-pitravi, tal-ġirasol, tal-lift u tal-fażola tas-sojja fl-Ukrajna, u fir-rigward taż-żerriegħa tal-pitravi, tal-ġirasol, tal-lift u tal-fażola tas-sojja prodotta fl-Ukrajna u ċċertifikata uffiċjalment mill-awtoritajiet tagħha.
- (14) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2003/17/KE tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1
Emendi tad-Deċiżjoni 2003/17/KE

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/17/KE huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3
Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, ...

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/17/KE, it-tabella hija emendata kif ġej:

(1) l-entrata “MD” hija sostitwita b’dan li ġej:

“MD	National Agency for Food Safety (ANSA) str. Mihail Kogălniceanu 63, MD-2009, CHIȘINĂU	66/401/KEE 66/402/KEE 2002/55/KE 2002/57/KE”
-----	---	---

(2) l-entrata “UA” hija sostitwita b’dan li ġej:

“UA	Ministry of Agrarian Policy and Food of Ukraine Khreshchatyk str. 24, 01001 KIEV	66/402/KEE 2002/54/KE 2002/57/KE – fir-rigward biss ta’ <i>Brassica</i> <i>napus</i> , <i>Glycine</i> <i>max u</i> <i>Helianthus</i> <i>annuus</i> ”
-----	--	--